MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Numru. 231/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Adrian Farrugia ta' 31 sena, iben Carmel u Dionisya nee' Chricop, imwieled Pieta' nhar il-20 ta' Settembru 1981 u li joqghod Flat 1, Block C6, Triq Gdida fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 526881(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Adrian Farrugia li gie akkuzat talli matul dawn l-ahhar tlett snin, u cioe' qabel is-17 ta' Jannar 2010 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, mill-imhazen tas-socjeta Antonio Piscopo Ltd. Fi

Triq Jean De La Valette, San Pawl il-Bahar, ikkometta serq ta’ merkanzija, konsistenti f’laham iffrizat (fillet) kif ukoll ghadd ta’ hampers, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-hin u li sar ghad-detriment tas-socjeta Piscopos Cash & Carry Ltd. u/jew ta’ persuna/i u/jew entitajiet ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tas-7 ta’ Marzu 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat;

Illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija skattaw f’dana il-kaz wara rapport anonimu li kien wasal fid-depot tal-Pulizija dwar allegat serq li kien qed isehh mil-istabbiliment tal-Piscopo’s Cash and Carry gewwa Burmarrad. Illi l-persuna li kienet qed taghmel dana ir-rapport infurmat il-pulizija illi kien hemm tlieta minn nies qed ighabbu xi affarijiet f’vettura. Dana sehh fil-11 ta’ Dicembru 2009 ghal habta tad-disgha u nofs ta’ fil-ghaxija. Wara li dahal dan ir-rapport marru il-pulizija tad-Distrett tal-Qawra fuq il-post. Huma accedew vicin is-supermarket li hemm Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar u hemm ma sabu l-ebda sinjal tal-kumissjoni ta’ dana l-allegat reat. Izda l-istess *informer* rega’ cempel lill-pulizija u infurmaha illi l-pulizija kellhom imorru hdejn l-istores tal-Piscopo Cash and Carry u mhux is-supermarket. Fil-fatt intbaghtu il-pulizija mill-Iskwadra Mobbli fejn sakemm wasslu fuq il-post dawn in-nies ma

instabux u l-istores kienu imsakkrin.[1] Jidher illi l-ghada filghodu, Joseph Piscopo, wiehed mid-diretturi u sidien ta' dana n-negozju, kien irceva telefonata minn ghand xi girien li joqghodu faccata tal-warehouse, fejn dawn infurmawh illi l-lejla ta' qabel ghal habta tad-9:30p.m., kienu raw tlieta minn nies jiehdu xi merkanzija minn gol-istabbiliment u ighabbuha f'karozza. Dawn in-nies qalulu illi l-oggetti kellhom xi haga tleqq u ohrajn kienu qishom kaxxi tal-kartun bit-top abjad. Infurmawh inoltre illi huma kienu gharrfu wiehed mil-malviventi bhala impjegat taghhom, Adrian Farrugia u cioe' l-imputat. Qalulu li mhumiex certi jekk wiehed mit-tnejn l-ohra kienx impjegat ukoll tal-kumpanija. Illi abbazi ta' dan id-diretturi ta' dina l-kumpanija, l-ahwa Piscopo kienu ghamlu verifiki minnufih dwar jekk kenux naqqsulhom xi oggetti u peress illi d-deskrizzjoni ta' uhud mil-oggetti kienet tixbah dik tal-hampers li kienu qed jinbieghu f'dak iz-zmien, peress illi kien zmien il-Milied, huma ivverifikaw dawn il-hampers u fil-fatt sabu numru minnhom neqsin. Ghalhekk Joseph Piscopo kien ghamel rapport mal-pulizija dwar dan il-fatt u cioe' illi kienu insterqu tnax-il hamper li il-valur taghhom ilahhaq madwar 600 ewro.[2]

Illi l-ahwa Piscopo iddecidew madanakollu illi ma jirrappurtawx lill-pulizija l-fatt illi huma kellhom suspett fl-imputat peress illi xtaqu jaghmlu l-ghassa huma personali sabiex jippruvaw jiskopru jekk kienx hemm xi impjegat iehor involut. Ghallhekk gie deciz illi tigi installata sistema ta' CCTV cameras kif ukoll sistema ta' alarm. Illi ghall-istallazzjoni ta' dawn is-sistemi ta' sigurta ha hsieb Christopher Piscopo. Ighid illi huwa kien ta' kuljum jiccekkja ir-recordings tal-camera tas-sigurta sabiex jara jekk kienx hemm xi movimenti suspettuzi u fil-21 ta' Dicembru ghal habta tal-4:00p.m. filwaqt illi hu u *technician* kienu qed jinstallaw l-alarm mal-grada li twassal ghal mahzen fejn ikun hemm il-merkanzija, ighid illi Adrian Farrugia gie bil-mohbi u beda jittawwal minn wara l-grada ta' barra sabiex jara x'kienu qed jaghmlu. Dana osservah l-ghada meta kien qed jiccekkja ir-

[1] Ara xhieda ta WPC59 Abigail Agius a fol.155, PS1061 Justin Zammit a fol.61, PS514 Paul Cassar a fol.152
[2] Ara rapport Dokument JG1 a fol.59

recordings tal-jum ta’ qabel. Ighid illi jigi osservat l-imputat qed jittawwal, jitlaq, imbaghad jerga jigi, jerga jittawwal u f’hin minnhom kif jidher xi moviment riesaq lejh huwa jahrab jigri b’kemm kellu sahha.[3]

Minn hawn jidher illi il-parti leza iddecidew illi jikkonfrontaw lill-imputat u tigi iffissata laqgha li ghaliha kienu prezenti Joseph Piscopo, Tarcisio Piscopo u l-imputat. Ghal xi hin dahhlet ukoll f’dina il-laqgha is-segretarja Daniela Camilleri. Illi l-imputat kien ukoll wera ix-xewqa li ikellem lid-Diretturi u dana ghaliex ighid li xtaq jinfurmhom dwar kaz li kellu huh dwar xi drogi kif ukoll dwar il-fatt illi l-pulizija kienu qed jinterrogawh dwar xi hold up li kien sehh xi jiem qabel minn gewwa il-Classic Jewellers fejn kienet tahdem it-tfajla tieghu Noella Xuereb. Id-diretturi izda ftit li xejn juru interess f’dawn il-fatti u jaffrontaw lill-imputat dwar s-serqa li kienet sehhet mil-imhazen taghhom. Jidher illi ghall-ewwel l-imputat cahad dan, izda meta Tarcisio Piscopo baqa’ jinsisti illi kien seraqhom u li r-*res furtiva* kienet tikkonsisti f’xi hampers, l-imputat wiegbu u qallu li mhux minnu illi kienu hampers l-oggetti li insterqu. Minn hawn ghalhekk id-diretturi fiehmu illi l-imputat kien qed juriehom illi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi kienet sehhet dina s-serqa u meta jikkonfrontaw lill-imputat b’dana il-fatt huwa ighidlhom li mhux hu dahal, izda l-ohrajn li kienu mieghu. Jammetti illi kien zbalja li ma kienx informa lid-diretturi b’dana l-fatt. Izda meta Tarcisio Piscopo jibqa jinsisti mieghu illi kien hu li dahal fl-imhazen billi kiseb access ghalihom billi dahal mil-bieb li jaghti ghall-kamra tas-silg u minn hemm dahal fil-bitha li minnha hemm access ghall-imhazen, l-imputat jammetti illi kien hu li dahal jisraq, izda li hu ma kienx seraq hampers. Hawnhekk tiddahal is-segretarja Daniela Camilleri fejn quddiemha bhala xhud, l-imputat jerga’ jigi mistoqsi mid-diretturi prezenti jekk kienx dahal fl-imhazen u ikkometta dana is-serq u huwa jerga’ jammetti illi kien involut f’dina is-serqa. Hawnhekk jidher illi d-diretturi kienu qalu lill-imputat illi kellu jirrizenja ghaliex altrimenti kienu ser jigu infurmati l-pulizija. L-imputat mal-ewwel infurmahom illi

[3] Ara CCTV recording esebieta a 26, Dokument AB1 u stills mahruga minn dana ir-recording mill-PS516 Alfio Borg a fol.27, Dokumenti AB2 sa AB6

ma xtaqx li jigu involuti l-pulizija f'dana il-kaz u jekk kien hemm bzonn kien anke lest ihallas is-somma ta' 600 ewro, u cioe' il-valur tal-hampers. Hawnhekk tithejja l-ittra tar-rizenja mis-segretarja Daniela Camilleri, l-imputat jiffirmaha u l-impieg tieghu b'hekk jigi itterminat.

Xi jiem wara, l-foreman Brian Galea informa lid-diretturi illi kien gieh suspett illi l-kaxxi bojod illi l-girien kienu qalu li raw setghu kienu il-kaxxi tal-fillet li kellhom fl-imhazen. Ighid illi huwa gieh dana is-suspett ukoll ghaliex xi zmien qabel kien osserva lill-imputat li kien responsabbli mil-merkanzija fl-imhazen, icaqlaq dawn il-kaxxi tal-fillet mil-post fejn kienu ghal post iehor fejn setghu ikunu aktar komdi biex wiehed jilhaqhom malajr. Ighid illi dawn il-kaxxi kienu jinhaznu fuq *pellet* fuq in-naha ta' wara ta' *container*. Ighid illi kienu jaghmluhom hemm wara ghaliex ma tantx kien ikun hemm bejgh ta' dana il-fillet u allura kienu jippreferu ipoggu fuq quddiem l-merkanzija l-iktar li kienet tinbiegh. Illi meta Galea ra lill-imputat qed jaghmel dan kien staqsieh 'il ghala kien qed icaqalqu minn dana il-post u poggieh fil-*cold room* u l-imputat wiegbu u qallu li ghalih kien iktar facli li isibu. Izda ghal Galea dina l-ispjegazzjoni xortawahda ma kenitx taghel wisq sens gialdarba l-imputat kien ha battikata kbira sabiex jaqla' dawn il-kaxxi tal-fillet li kienu madwar hamsin minn naha ta' wara ta' *container*, fejn allura kellu icaqlaq qabel xejn il-merkanzija kollha li kien hemm quddiemhom sabiex jinharrgu minn dana l-*container*.

Abbazi ta' dawn is-suspetti allura sar *stock taking* tal-kaxxi tal-fillet fejn instab illi hafna minn dawn il-kaxxi kienu neqsin. Fil-fatt minn kalkoli li saru minn Tarcisio Piscopo irrizulta illi kien hemm nieqes madwar elf tlett mija u hamsin kilo ta' fillet li l-valur taghhom ilahhaq il-21845.84 ewro u cioe' madwar Lm9000. Ghalhekk wara li gie skopert dana l-fatt, id-direttur Frank Piscopo iddecieda li icempel lill-imputat sabiex jikkonfrontah fuq dana l-izvilupp. Illi Frank Piscopo ighid illi l-imputat accetta li jiltaqa' mieghu biex ikellmu, izda ma xtaqx jigi lura fl-ufficcji tas-socjeta u ghalhekk Piscopo ftiehem mieghu li jiltaqghu zewg kantunieri 'l boghod. Dana sehh f'Jannar 2010. Meta jiltaqghu Frank Piscopo ighid lill-imputat illi

kienu instabu kwantita kbira ta’ kaxxi tal-fillets neqsin u qallu illi kien qed jippretendi illi hu ihallas l-ammont ta’ Lm9000 li kien seraq. Ighid illi l-imputat accetta li ihallsu dawn il-flus, izda qallu illi ried iz-zmien peress illi ma kellux dak l-ammont ta’ flus u tallbu zmien halli ikun jista’ jiftiehem mieghu kif ser ihallas. Frank Piscopo ghalhekk ta zmien lill-imputat sal-Erbgha ta’ dik l-istess gimgha, izda wara dan huwa tilef kull kuntatt mal-imputat u ghalkemm ipprova icempillu kemm il-darba izda dana kien kollu inutli ghaliex l-imputat baqa’ ma wegbux u ma tah l-ebda risposta. Wara dan ghalhekk l-parti leza iddecidew illi jaghmlu rapport lill-pulizija fil-konfront ta’l-imputat.

L-imputat ghalhekk jigi interrogat mill-Pulizija u jirrilaxxja zewg stqarrijiet, l-ewwel wahda fis-27 ta’ Frar 2010 u it-tieni wahda fl-10 ta’ Marzu 2010.[4] Illi f’dawn iz-zewg stqarrijiet l-imputat jichad kategorikament illi huwa kien involut fis-serqa mill-Piscopo Cash and Carry. Fl-ewwel stqarrija meta mistoqsi jekk huwa tkecciecx mil-impieg tieghu, jirrispondi illi huwa irrizenja ghaliex Tracisio Piscopo tilef il-fiducja fih, izda meta mistqosi ‘il ghala kien sehh dan huwa johrog bl-istorja illi kien minhabba li kien gie arrestat in konnessjoni ma’ *hold up*. Iktar ‘il quddiem fl-istqarrija imbaghad ibiddel il-verzjoni u ighid illi huwa telaq mil-impieg tieghu ghax kien sab impieg ahjar mal-Iscotts Supermarket. Jichad illi huwa kien ammetta mal-imghallmin tieghu illi kien seraqhom. Mistoqsi ‘il ghala kien caqlaq il-kaxxi tal-fillet mill-*container* ghal gewwa l-*cold room*, l-imputat iwiegeb illi kien ghamel dan ghaliex kien irceva struzzjonijiet minn Joseph Piscopo sabiex ibattal il-*container* halli jiffrankaw mil-kont tad-dawl. Jammetti illi kellu fil-pussess tieghu cavetta li taghti access ghal kamra fejn jigi mahzun is-silg, izda ighid illi kien awtorizzat ikollu dina ic-cavetta bhalma kellhom ukoll numru ta’ impjegati ohra u dana sabiex huma ikunu jistghu jaghmlu *deliveries* tas-silg fi kwalunkwe hin ikun hemm xi ordni. Izda ighid illi fil-jum in kwsitjoni huwa kien mar fuq il-post ma’ impjegat iehor sabiex jiehu xi vjegg silg ghaliex kien hemm party gewwa Ta’ Qali. Ighid illi ghabba il-vann u telaq. Mistoqsi imbaghad fuq il-filmat tac-CCTV fejn huwa jidher qed

[4] Ara stqarrijiet a fol 5 u 12 tal-process

jittawwal minn wara il-grada meta kienet qed tigi installata l-alarm,huwa ighid illi kien irritorna fuq il-post tax-xoghol ghal habta tal-4:00p.m. u peress illi hemmhekk ix-xoghol tal-istores jispicca mas-1:00 u kulhadd ikun telaq f'dak il-hin gieh suspett illi kien qed jigri xi haga hazina meta ra il-moviment tan-nies gewwa l-bitha u li kien ghalhekk li mar jittawwal. Ighid illi huwa kien irritorna hemmhekk ghaliex kien miftiehem li jiltaqa' mas-siehba tieghu li ghall-ewwel jindika bhala persuna ohra izda imbaghad ftit wara ighid illi fil-fatt kien ma' Noella Xuereb li kellu jiltaqa'.

Illi minn indagini ulterjuri li saru mil-pulizija irrizulta illi Noella Xuereb fil-jum tal-21 ta' Dicembru 2009 ghal habta tal-4:00p.m. kienet ghadha xoghol. Fil-fatt Xuereb tixhed fil-kawza u tikkonferma dan u anke tezebixxi kopja tar-roster tax-xoghol taghha.[5]Inoltre tigi mitkellma ukoll certu Natasha Agius, li ukoll xehdet fil-kawza li tghid illi hi lill-imputat ma tafux u qatt ma kelmitu jew iltaqghet mieghu, ghalkemm tafu di vista biss, peress illi toqghod vicin l-istabbiliment tal-Piscopo Cash and Carry u kienet tara lill-imputat jahdem hemmhekk.[6]

L-imputat ma jixhidx fil-kawza u kwindi l-istqarrijiet tieghu jirrifletu l-uniku verzjoni li huwa jaghti dwar dak allegat fil-konfront tieghu.
Ikkunsidrat,

Illi fil-kaz in dizamina, kwindi, l-prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha fuq il-konfessjonijiet extra-gudizzjarji u fuq provi ohra indizzjarji. Illi l-uniku xhieda okulari ghal dan l-allegat kaz u li ghamlet ir-rapport lill-pulizija xtaqet tibqa' anónima. Din il-persuna tallega illi gharrfet lill-imputat bhala wiehed mill-malviventi, izda dina l-persuna qatt ma tingieb tixhed quddiem il-Qorti u dana kif inghad ghax ma reditx tikxef l-identita' taghha. Kwindi dak li tghid dina l-persuna kemm lill-pulizija, kif ukoll lill-parti leza ma tista' tikkostitwixxi l-ebda prova fil-konfront ta'l-imputat.

[5] Ara xhieda ta' Noella Xuereb a fol.190 u Dokument NX a fol.199
[6] Ara xhieda a fol.165

Id-dikjarazzjonijiet maghmula mil-imputat lill-parti leza allura tikkostitwixxi konfessjoni u ghandha valur probatorju fil-konfront tieghu? Illi id-difiza ticcita sentenza fil-kors tat-trattazzjoni orali deciza mil-Qorti Kriminali fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Saviour Bugeja.**[7] Il-Qorti tkellmet fuq dawn il-konfessjonijiet extra gudizzjarja u qalet:

"Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bhala prova kontra tieghu w l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina. ….. ***Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admisible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnessess."*** (Archbold pg376)

Il-Qorti fis-sentenza taghha, ghalhekk stqarret illi ghalkemm dawn it-tip ta' konfessjonijiet huma ammissibbli bhala prova, madanakollu min irid jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira meta ikun hemm ammissjonijiet li ma jisurx quddiem xi awtorita investigattiva jew gudizzjarja. Kompliet il-Qorti: "Dan jintqal partikolarment meta l-persuna li tkun qed tallega l-ammissjoni tkun il-parti leza li jkollha kull interess li tipprova l-htija tal-akkuzat."

Illi f'dana il-kaz l-imputat cahad kategorikament mal-Pulizija fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnu illi huwa kien involut f'dana s-serq. L-istess ma jistax jinghad li sehh fiz-zewg istanzi meta l-imputat ammetta mal-parti leza illi kien involut f'dana ir-reat u li kien anke lest li jirrifondilhom il-valur tal-merkanzija misruqa. Illi fl-ewwel okkazzjoni kien hemm prezenti iktar minn persuna wahda meta l-imputat stqarr l-htija tieghu. Fil-fatt il-parti leza kienet anke resqet

[7] Deciza 3 ta' Dicembru 2004

bhala xhud ghal dina id-dikjarazzjoni is-segretarja tal-kumpanija Daniela Camilleri fejn quddiemha, meta rega' mistoqsi minn Tarcisio Piscopo jekk huwa kienx involut f'dana is-serq, l-imputat wiegeb fl-affermattiv. F'dana l-istadju id-diretturi tas-socjeta Piscopo kienu wrew l-intenzjoni taghhom illi ma jirrapurtawx il-kaz lill-pulizija purche l-imputat jirrizenja mix-xoghol u lanqas biss insistew mieghu illi huwa ihallas xi flus ghalkemm l-imputat stqarr maghhom illi huwa kien anke lest ihallashom is-600 ewro valur tal-hampers li kienu ittiehdu. Jidher illi minhabba l-fatt illi l-imputat kien qed jigi interrogat mil-pulizija dwar hold-up li kien sehh gewwa il-Classic Jewellers, huwa ma xtaqtx illi jigi irrpuratat dana il-kaz fil-konfront tieghu u ghalhekk accetta li jirrizenja mix-xoghol. It-tieni konfessjoni saret iktar tard meta il-parti leza, imbaghad kienu skoprew illi naqqsilhom ammont kbir ta' fillet li kien jiswa madwar 20000 ewro. Meta l-imputat jiltaqa' ma Frank Piscopo huwa jitlob ftit zmien sabiex jara kif ser ikun f'posizzjoni ihallas dawn il-flus. Izda sussegwentement huwa ma accettax illi ihallas dawn il-flus u ghalhekk il-kaz gie irrapurtat lill-Pulizija.

Illi l-Qorti ser tezamina dawn iz-zewg ammissjonijiet fid-dawl tal-provi l-ohra prodotti fl-atti u cioe' il-provi indizzjarji u cirkostanzjali imressqa mil-Prosekuzzjoni.

1. Ir-recording tac-CCTV tal-21 ta' Dicembru 2009. L-imputat jidher illi qed jitawwal minn wara l-grada ta' barra sabiex jezamina dak illi kien qed isir gewwa l-bitha u cioe' l-istallazzjoni tas-sistema tal-alarm mal-imhazen. Gie stabbilit illi l-imputat kien spicca ix-xoghol ghal habta tas-1:00p.m. L-imputat jidher fuq il-post tax-xoghol fl-4:00p.m. Wara ftit tal-hin jitawwal huwa jidher qed jitlaq, izda imbaghad jerga' jigi lura u hekk kif jidher illi hemm xi moviment fid-direzzjoni tieghu, huwa jahrab jigri. L-imputat jaghti spjegazzjoni 'il ghala kien fuq il-post tax-xoghol tieghu f'dak il-hin meta kulhadd kien telaq. Huwa ighid fl-istqarrija tieghu illi kien miftiehem biex jiltaqa' mas-siehba tieghu, l-ewwel isemmi mara ohra li x'aktarx hija Natasha Agius u wara ibiddel il-verzjoni u ighid illi kellu jiltaqa' ma' Noella Xuereb. Illi fil-kors tal-kawza jixhdu kemm Natasha Agius kif ukoll Noella Xuereb. L-ewwel wahda tghid illi lill-

imputat qatt ma kellmitu u ghalhekk qatt ma kienet miftiehma mieghu dak in-nhar. Tafu biss di vista peress illi hija toqghod vicin l-imhazen ta’ Piscopo. Noella Xuereb, li kienet is-siehba tal-imputat, tichad illi kienet miftiehem mal-imputat dak in-nhar u iggib prova illi f’dak il-hin kienet ghada fuq il-post tax-xoghol taghha. Kwindi it-tezi ta’l-imputat ma tibqax treggi. Inoltre huwa ighid illi kien qieghed jittawwal ghaliex waqt li kien qed jistenna lil dina Noella ra xi movimenti fil-bitha tal-kumpanija u haseb ili kienu dahhlu xi nies jisirqu u ghalhekk mar jittawwal biex jivverifika x’kien qed jigri. Illi dina l-ispjegazzjoni ukoll hija wahda fjakka u xejn konvincenti. Ibda biex li kieku kien minnu illi huwa kellu suspett illi xi hadd kien dahal fil-bitha illegalment, huwa kien fi dmir illi jinforma li xi hadd mil-imghallma tieghu dwar dak li kien qed jigri. Dana ma jaghmlux, izda kif jara lil xi persuna tersaq lejh huwa jahrab jigri b’kemm kellu sahha li jindika car u tond illi l-imputat harab ghaliex ma riedx illi jigi skopert qed jittawwal minn wara l-grada. Certament, meta ittawwal, huwa kien gharaf lil Christopher Piscopo u kien induna x’kien qed isir u kwindi ma kellu l-ebda raguni ‘il ghala kellu jahrab jigri. Dana ghamlu biss biex ma jinkixifx.

2. Ftit zmien qabel ma issir dina is-serqa l-imputat jispostja il-prodott tal-fillett minn fejn kien jigi mahzun ghal post iktar konvenjenti biex jinhareg mil-imhazen. Jidher illi l-kaxxi tal-fillet, li ma kenux jeccedu il-hamsin kaxxa, kienu jinhaznu fuq pellet fuq in-naha ta’ wara ta’ *container*. Quddiemu kien ikun hemm merkanzija ohra li kienet tinbiegh iktar. Jidher illi bhala prodott il-fillet ma kienx jinbiegh fi kwantitajiet kbar u ghalhekk kien isir *stocktaking* tieghu darba fil-gimgha jew darba kull hmistax il-jum. L-imputat kien responsabbli ghal dana il-prodott kif ukoll ghal prodotti kollha mahzuna fl-*istores*. Jidher illi kien impjegat fdat u hadd ma kien jiddubita mill-operat tieghu. Illi l-imputat ghalhekk jiddeciedi illi jispostja dawn il-kaxxi tal-fillet minn naha ta’ wara tal-*container* ghal gewwa il-*cold room*. Jidher illi dina d-decizjoni ma kenitx taghmel wisq sens peress illi kienet tinvolvi battikata mhux hazin illi l-imputat joqghod jaqla’ l-prodotti l-ohra kollha li kienu jinsabu quddiem dana il-prodott biex ibaghad jigu imcaqalqa ghal gewwa l-*cold room*, iktar u iktar tenut kont

tal-fatt illi ftit minn dana il-prodott kien jinbiegh. Christopher Piscopo ighid: **"*Ghax it-tbatija li tinvolvi li ccaqlaq hamsin kaxxa fillet minn fuq wara ta' container meta ghandek hames paletti ohra quddiemu, kaxxa, kaxxa, u tohroghom quddiem ma taghmel l-ebda sens*."** L-imputat jispjega illi kien ghamel dan fuq struzzjonijiet mil-imghallem tieghu sabiex ibattal il-*container* u jitfa' l-prodotti l-ohra fil-*cold room* u dana sabiex jiffrankaw mil-kont tad-dawl. Illi ghalkemm jidher illi dana kien sehh f'xi zewg okkazzjonijiet, madanakollu ma jidhirx illi kienet ir-raguni f'dana il-kaz 'il ghala kellhom jigu spustjati il-kaxxi tal-fillet. Brian Galea ighid illi huwa kien ikkonfronta lill-imputat b'dana il-fatt u l-imputat kien qallu illi ghamel dan ghaliex hekk il-prodott kien ikun iktar f'idejh meta jigi biex jaghmel xi *delivery*. Ma jidhirx illi l-imputat kien qallu illi kien qed jaghmel dan l-ispostament minhabba li kien gie moghti xi struzzjonijiet mis-superjuri tieghu sabiex jaghmel dan. Inoltre ma jidhirx illi dak in-nhar kienet giet spustjata l-merkanzija kollha tal-*container* fejn kien dana il-fillet, izda l-imputat kien caqlaq il-fillet biss.

3. Illi jidher illi l-imputat ma kellux cavetta ghall-imhazen fejn kienet tigi mahzuna il-merkanzija, izda biss cavetta tal-kamra tas-silg li kienet tagti access ghal bitha fejn kien hemm gate imsakkra li taghti access imbaghad ghall-imhazen. Dana peress illi kien ikun hemm bzonn kultant illi issir konsenja tas-silg anke wara il-hinijiet tax-xoghol. Illi ic-cavetta ta' din l-*gate* ghall-i*stores* kienet fil-pussess biss tad-diretturi. Madanakollu mix-xhieda prodotti jirrizulta illi l-imputat kien bniedem fdat mid-diretturi u kwindi jidher illi kien ikun hemm hin, dejjem matul il-hin tax-xoghol, fejn l-imputat kien ikollu fil-pussess tieghu ic-cwievet ghal dawn l-imhazen[8].

4. Finalment kif diga inghad, jidher illi kien l-imputat li kien responsabbli ghall-istock tal-fillet. Mill-evidenza jidher illi kienu naqqsu mil-istores numru konsiderevoli ta' kaxxi tal-fillet u dana jidher car mil-*istock take* li sar minn Tarcisio Piscopo. Illi kwindi, l-Qorti taraha kemmxejn

[8] Ara xhieda ta' Tyrone Muscat u Christopher Piscopo.

stramba kif l-imputat, li jidher illi kien konsapevoli tal-*istock* li kien hemm u li kien ghadu kemm caqlaq dawn il-kaxxi minn post ghall-iehor, ma indunax tempestivament illi kien naqas l-maggior parti ta' dana l-istock! Illi d-difiza tipprova titfa' dina ir-responsabbilta fuq Brian Galea, li kien jiehu hsieb jaghmel l-ordnijiet, izda ma jidhirx illi Galea kien responsabbli ghaz-zamma tal-merkanzija, izda biss biex jaghmel l-ordnijiet u jivverifika jekk l-ammont ta'l-*istock* ikunx naqas mil-imhazen halli issir ordni gdida. Meta mistoqsi mid-difiza jekk kienx hemm impjegati ohra li kienu jiehdu hsieb li jistivaw l-merkanzija, Christopher Piscopo ighid: ***"Ghax ahna inzommuh responsabbli wkoll li meta jigi ix-xoghol jiccekkjah hu wkoll. Allura meta iccekkjajt ix-xoghol hu kien jiehu hsieb hu dak il-hin idahhal gol-cold room. Qed nitkellmu fuq friza, ma tistax thallieha barra, kif ticcekkjaha trid idahhalha mal-ewwel. Ikun hemm min ighinu, imma jdahhalha hu u jiddeciedi hu fejn*."** [9] Kwindi jidher illi l-imputat kellu responsabbilta' shiha ghal merkanzija u kellu jinduna illi l-ammont ta' stock tal-fillet kien naqas konsiderevolement.

Illi ghalhekk meta l-Qorti taghmel ezami ta' dawn il-provi u tabbinhom ma' dak mistqarr mil-imputat lill-imghallmin tieghu fejn  jammetti illi hu kien seraqhom, ma jibqalgha l-ebda dubbju illi l-imputat kien involut fis-serqa tal-merkanzija u cioe' tal-hampers u tal-kaxxi tal-fillet proprjeta tas-socjeta parti leza fil-kawza. Illi inoltre l-ispjegazzjonijiet li jipprova jaghti l-imputat kemm fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu, kif ukoll mil-provi imressqa minnu fil-kawza, huma fjakki wisq. L-imputat kien jaf ben tajjeb l-operat tan-negozju li kien jahdem fih. Kellu access ghal merkanzija kollha, anzi kien responsabbli ghall-istess. Kien fdat mil-imghallmin tieghu u kwindi fassal pjan kif seta' johrog il-merkanzija mil-istores minghajr ma ihalli tracci warajh.

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali jirrizultaw l-aggravji tas-serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-hin. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat

---

[9] Fol.140

kien impjegat mas-socjeta Piscopo Cash and Carry. Illi mil-provi akkwiziti jirrizulta ukoll illi l-valur tal-hampers u kaxxi tal-fillet misruqa kien jammonta ghal aktar minn 20000 ewro. Illi madanakollu l-aggravji l-ohra ma humiex sufficjentement ippruvati billi fl-ewwel lok ma hemmx prova li tindika kif l-imputat kiseb l-access ghall-imhazen tal-parti leza u ukoll billi lanqas ma gie ippruvat il-hin li fih sehh l-allegat reat.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi ghalkemm il-fedina penali ta'l-imputat ma hijiex wahda netta, izda l-ahhar reat jirrisali ghas-sena 2002. Inoltre l-Qorti ser taghti lill-imputat l-opportunita illi jikkumpensa lill-parti leza ghat-telf subit minnhom, haga li huwa ma ikunx jista jaghmel fil-kaz illi l-Qorti timponi fuqu piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268(d), 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuza tas-serq migjuba fil-konfront tieghu, biss bl-aggravji tal-persuna u tal-valur, u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikundanna lil hati ihallas lis-socjeta Piscopo Cash and Carry jew xi wiehed mid-diretturi taghha, s-somma ta' 22393.04 ewro u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------